32000D0375

L 138/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 9.6.2000

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tad-29 ta' Mejju 2000
## sabiex tkun miġġielda l-pornografija tat-tfal fuq l-Internet

(2000/375/ĠAI)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]);

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija

, tar-risoluzzjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Settembru 1996 dwar minuri li huma vittmi ta' vjolenza ([2]), fid-12 ta' Diċembru 1996 dwar miżuri biex jitħarsu l-minuri fl-Unjoni Ewropea ([3]), fl-24 ta' April 1997 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar kontenut illegali u ta' ħsara fuq l-Internet ([4]) u fis-6 ta' Novembru 1997 fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex tiġġieled it-turiżmu sesswali tat-tfal, u l-*aide-memoire* dwar il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għat-tisħiħ tal-prevenzjoni ta' l-abbuż u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal. ([5]),

Tenut kont tad-Dikjarazzjoni u l-Aġenda għal Azzjoni, aċċettata unanimament mid-delegati tal-Kungress Dinji kontra l-esplojtazzjoni sesswali kummerċjali tat-tfal, li nżammet fi Stokkolma f'Awissu 1996, u l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-konferenza Ewropea li segwiet il-Kungress Dinji, miżmuma fi Strasburgu f'April 1998;

Tenut kont tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, adottata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u b'mod partikolari l-Artikolu 2, 3 u 10(2) tiegħu;

Fakkar fil-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, adottata fi Strasburgu fil-25 ta' Jannar 1996, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12 u 15 tiegħu;

Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fir-Risoluzzjoni 217 A (III) tal-10 ta' Diċembru 1948 f' Pariġi, u b'mod partikolari l-Artikolu 2, 3, 7, 25 u 26 tiegħu;

L-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989;

L-azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/700/ĠAI tad- 29 ta' Novembru 1996 li jistabbilixxi programm ta' inċentiv u ta' skambju għal persuni responsabbli għall-ġlieda kontra l-kummerċ fil-bnedmin u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal ([6]);

Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, f'laqgħa mal-Kunsill, tas-17 ta' Frar 1997 fuq kontenut illegali u ta' ħsara fuq l-Internet ([7]);

L-Azzjoni Konġunta 97/154/ĠAI ta' l-24 Frar ta' 1997 adottata mill-Kunsill dwar azzjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar fil-bnedmin u l-esplojtazzjoni tat-tfal ([8]);

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 3 ta' Diċembru 1998 li żżid mad-definizzjoni tat-tip ta' delitt "traffikar fil-bnedmin" fl-Anness Konvenzjoni tal-Europol ([9]), u wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tat- 3 ta' Diċembru 1998 approvata mill-Kunsill;

---

([1]) Opinjoni mogħtija fil-11 ta' April 2000 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 320, tat-28.10.1996, pġ. 190.
([3]) ĠU C 20, ta' l-20.1.1997, pġ. 170.
([4]) ĠU C 150, tad-19.5.1997, pġ. 38.
([5]) ĠU C 358, ta' l-24.11.1997, pġ. 37.
([6]) ĠU L 322, tat-12.12.1996, pġ. 7.
([7]) ĠU C 70, tas-6.3.1997, pġ. 1.
([8]) ĠU L tat-63, ta' l-4.3.1997, pġ. 2.
([9]) ĠU C tas-26, 30.1.1999, pġ. 31.

Ir-rakkomondazzjoni adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Settembru 1998 dwar l-iżvilupp tal-kompetittività tas-servizzi awdjoviżivi u ta' informazzjoni ta' l-Ewropa billi tippromwovi l-istrutturi nazzjonali bil-għan li jintlaħaq livell komparabbli u effettiv tal-protezzjoni tal-minuri u d-dinjità tal-bniedem ([1]);

Il-pjan ta' azzjoni adottata mill-Kunsill fit- 28 ta' April 1997 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ([2]), approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Amsterdam f'Ġunju 1997, u l-10 prinċipji tal-G8 dwar il-kriminalità bl-użu ta' teknoloġija avvanzata li l-Kunsill ħa nota fil-laqgħa tad-19 ta' Marzu 1998 kif ukoll ir-rakkomondazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Vjenna tal-11 u 12 ta' Diċembru 1998 li jassigura segwitu effettiv għall-inizjattivi għall-protezzjoni tat-tfal fil-livell internazzjonalii u Ewropew, speċjalment fil-qasam tal-pornografija tat-tfal fuq l-Internet.;

Id-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 li adottat pjan ta' azzjoni ta' diversi snin tal-Komunità li tippromwovi użu anqas perikoluż ta' l-Internet billi issir ġlieda kontra kontenut illegali u ta' ħsara fuq netwerks globali ([3]);

Filwaqt li jfakkar il-posizzjoni komuni tal-Kunsill Nru 1999/364/ĠAI tas-27 ta' Mejju 1999 dwar in-negozjati ta' l-Abbozz tal-Konvenzjoni dwar is-*Cyber Crime* miżmuma fil-Kunsill ta' l-Ewropa fis-27 ta' Mejju 1999 ([4]);

Billi t-traffikar fil-bnedmin u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal jikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari tad-dinjità umana;

Konxju mill-fatt li l-abbuż sesswali tat-tfal u l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-pussess, u t-tixrid ta' materjal ta' pornografija tat-tfal jista' jikkostitwixxi forma importanti ta' kriminalità, li l-firxa tiegħu fl-Unjoni Ewropea jagħti lok għal tħassib li dejjem qed jiżdied;

Konvint li r-rispett għall-integrità fiżika u emozzjonali tat-tfal u l-protezzjoni tal-vittmi ta' l-esplojtazzjoni sesswali huma ta' importanza fondamentali u għandhom ikunu fil-qalba tat-tħassib ta' l-Unjoni;

Konxju mill-bżonn ta' aktar miżuri mill-Unjoni biex tippromwovi l-użu mingħajr periklu tal-Internet;

Sabiex ma jkunx hemm u jiġi miġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal, u b'mod partikolari, il-produzzjoni, distribuzzjoni u pussess ta' pornografija tat-tfal fuq l-Internet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fil-qafas tad-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u sabiex jiżdiedu l-mizuri sabiex tinżamm milli jkun hemm u tiġi kkumbattuta l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-pussess u d-distribuzzjoni ta' materjal ta' pornografija tat-tfal u sabiex tippromwovi investigazzjoni u prosekuzzjoni effettiva tar-reati f'dan il-kamp, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jinkoraġġixxu lill-utenti ta' l-Internet li jgħarrfu lill-awtoritajiet li jinforzaw il-liġi, jew direttament jew indirettament, dwar distribuzzjoni ta' materjal ta' pornografija tat-tfal fuq l-Internet, jekk jiltaqgħu ma' dan il-materjal. L-utenti ta' l-Internet għandhom ikunu konxji tal-modi kif jagħmlu kuntatt ma' awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi jew entitajiet li għandhom rabtiet ma' awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi, sabiex dawn l-awtoritajiet jagħmlu x-xogħol tagħhom li ma jkunx hemm u jikkumbattu l-pornografija tat-tfal fuq l-Internet.

2. Fejn hemm bżonn, u tenut kont ta' l-istruttura ammininstrattiva ta' kull Stat Membru, il-miżuri għall-promozzjoni ta' investigazzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni tar-reati f'dan il-kamp jista' jkun li jiġu stabbiliti units fi ħdan l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi bil-ħila esperta u r-riżorsi neċessarji sabiex ikunu jistgħu malajr jittrattaw informazzjoni dwar il-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tixrid u l-pussess suspettuż ta' pornografija tat-tfal.

([1]) ĠU L 270, tas-7.10.1998, pġ. 48.
([2]) ĠU C 251, tal-15.8.1997, pġ. 1.
([3]) ĠU L 33, tas-6.2.1999, pġ. 1.
([4]) ĠU C 142, tal-5.6.1999, pġ. 1.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi jaġixxu malajr meta jirċievu informazzjoni dwar il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-pussess u t-tixrid suspettuż ta' materjal ta' pornografija tat-tfal. L-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi jistgħu ma jeħdux azzjoni malajr jekk u sakemm dan huwa bżonnjuz bħala tattika, per eżempju, bil-għan li jinqabad minn hemm wara dawn l-operazzjonijiet kriminali, jew f'netwerks (ċirki ta' pornografija tat-tfal).

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-koperazzjoni l-iktar wiesgħa u ta' malajr sabiex tkun aktar faċli li ssir investigazzjoni u prosekuzzjoni effettiva tar-reati dwar il-pornografija tat-tfal fl-Internet skond l-arranġamenti u ftehim ezistenti.

2. L-Istati Membri, sabiex jassiguraw li jkun hemm reazzjoni fil-ħin u effettiva għal dawn ir-reati, għandhom jikkomunikaw lill-punti ta' kuntatt, li huma stabbiliti għal 24 siegħa kuljum, u magħmula minn nies li jafu dan is-suġġett, kif ukoll il-*units* speċjalizzati riferiti fl-Artikolu1(2) u li jistgħu jintużaw għall-iskambju ta' informazzjoni u għal aktar kuntatti bejn l-Istati Membri. Punti ta' kuntatt, li l-Istati Membri digà stabbilixxew għal skop ieħor, jistgħu jintużaw għal dan il-għan. Bl-istess mod, il-kanali eżistenti ta' komunikazzjoni, bħall- Europol u l-Interpol għandhom jiġu użati.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-Europol, fil-limiti tal-mandat tagħha, tkun informata b'każijiet suspettati ta' pornografija tat-tfal.

4. L-Istati Membri, b'koperazzjoni xierqa mal-Europol, għandhom jeżaminaw il-possibilità li jorganizzaw laqgħat regolari ta' l-awtoritajiet kompetenti li jispeċjalizzaw fil-glieda kontra l-pornografija tat-tfal fl-Internet bil-għan li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni ġenerali, analiżi tas-sitwazzjoni u kordinazzjoni ta' miżuri fit-tattiċi kriminali.

5. Kull Stat Membru għandu jagħtu avviż lis-Segretarjat Ġenerali ta' l-Assemblea tal-Kunsill tal-*unit* organizzattiv tiegħu jew *units* li qegħdin iservu ta' punti ta' kuntatt skond il-paragrafu 2. Is-Segretetarjat Ġenerali għandu jinforma lill-Istati Membri oħra b'dawn il-punti ta' kuntatt.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom ikollhom djalogu kostruttiv u jeżaminaw il-mizuri xierqa, ta' natura volontarja jew li jorbtu legalment, biex jeliminaw il-pornografija fl-Internet. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-esperjenzi tagħhom dwar l-effettività ta' kull miżura li jkunu ħadu biex jeliminaw il-pornografija tat-tfal fuq l-Internet. F'dan il-kuntest, għandhom jeżaminaw il-miżuri li ġejjin, li jqiegħdu dmir fuq dawk li jipprovdu l-Internet:

(a) li jagħtu parir lill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) jew il-*units* imsemmija fl-Artikolu 1(2) dwar materjal pornografiku li huma ġew mgħarrfa jew li huma jafu bih u li nxtered permezz tagħhom;

(b) li jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni l-materjal ta' pornografija tat-tfal li bih ġew infurmati jew li kienu jafu bih u li nxtered permezz tagħhom kemm-il darba mhux speċifikat mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti;

(ċ) skond ir-risoluzzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Jannar 1995 fuq l-interċettazzjoni legali tat-telekomunikazzjonijiet ([1]) li jżommu *data* dwar it-traffikar, u fejn dan hu applikabbli u teknikament possibbli. b'mod partikolari għal prosekuzzjoni kriminali f'każijiet ta' abbuż sesswali tal-ulied, il-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tixrid ta' pornografija tat-tfal, għaż-żmien kollu li jista' jkun speċifikat taħt il-liġi applikabbli nazzjonali, li jħallu l-informazzjoni tkun disponibbli għal spezzjoni mill-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni kriminali skond ir-regoli applikabbli ta' proċedura;

(d) li jistabbilixxu s-sistemi tagħhom ta' kontroll sabiex tiġi miġġielda l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-pussess u t-tixrid ta' materjal ta' pornografija tat-tfal.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk żviluppi teknoloġiċi jeħtiġux, sabiex tinżamm l-effiċjenza fil-glieda kontra l-pornografija tat-tfal fuq l-Internet, tibdiliet fil-liġi ta' proċedura kriminali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji fondamentali tagħhom u, fejn hemm bżonn, għandhom jagħtu bidu għal leġislazzjoni ġdida xierqa għal dan il-għan.

([1]) ĠU C 329, ta' l-4.11.1996, pġ. 1.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jikkoperaw, b'kuntatt ma' l-industrija, billi jiskambjaw l-esperjenzi tagħhom u jinkoraġġixxu, sa fejn possibbli, il-produzzjoni ta' *filters* u mezzi tekniċi oħra sabiex ma jkunx hemm it-tixrid ta' materjal ta' pornografija tat-tfal u tagħmel possibli l-iskoperta tiegħu.

*Artikolu 6*

1. Il-Kunsill għandu jeżamina sa fejn l-Istati Membri ssoddisfaw l-obbligi tagħhom skond l-Azzjoni Konġunta 97/154/ĠAI u sa fejn il-miżuri proposti f'din id-Deċiżjoni kienu fil-fatt effettivi.

2. L-eżami msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir skond l-Azzjoni Konġunta 97/827/ĠAI adottata mill-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 1997 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni u implimentazzjoni fuq livell nazzjonali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità ([1]), bla ħsara għal li ġej:

(a) il-grupp ta' evalwazzjoni jkun iffurmat minn zewġ esperti;

(b) evalwazzjoni fuq il-post għandha ssir sabiex ma jkunx hemm proċeduri komplikati.

3. L-istima speċifikata fit-Titolu IV B tal-Azzjoni Konġunta 97/154/ĠAI ma għandhiex issir. Għandha tkun issostitwita bl-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-kors tal-evalwazzjoni skond il-paragrafu 2, il-Kunsill għandu jeżamina kwalunkwe miżura oħra li jixtieq jieħu sabiex il-ġlieda kontra l-pornografija u l-esplojtazzjoni tat-tfal tkun effettiva.

*Artikolu 7*

Din id-Deċizjoni għandha tapplika għall-Ġibiltà.

*Artikolu 8*

Il-miżuri li jinsabu f'din id-Deċizjoni għandhom jiġu implementati mill-Istati Membri sa mhux aktar mill-31 ta' Diċembru 2000.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 2000.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

---

([1]) ĠU L 344, tal-15.12.1997, pġ. 7.